**A.L. 248 ta' l-2003**

**ATT TA' L-2001 DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI**

**(ATT NRU. XXIII TA' L-2001)**

**Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Ewwel Elezzjonijiet tal-Kunsill tal-Kirurġi Veterinarji**

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 39, 40 u 47 ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Ewwel Elezzjonijiet tal-Kunsill tal-Kirurġi Veterinarji. Titolu.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra - Tifsir.

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni ta' l-Elezzjonijiet stabbilita bir-regolament 3;

"Ghawdex" tinkludi Kemmuna;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji.

**3.** Il-Ministru għandu jaħtar Kummissjoni, li tissejjaħ il-Kummissjoni dwar l-Ewwel Elezzjonijiet tal-Kunsill tal-Kirurġi Veterinarji, magħmula minn tliet Kummissjonarji Elettorali, biex tmexxi l-ewwel elezzjonijiet tal-Kunsill matul is-sena tal-ħatra. Hatra ta' Kummissjoni Elettorali.

**4.** Meta l-Kummissjoni tkun maħtura mill-Ministru hija għandha, malajr kemm jista' jkun, tara li jigi ppubblikat avviż fil-Gazzetta u f'żewġ gazzetti lokali ta' kuljum, li jispeċifika l-post, il-ġranet u l-ħinijiet li matulhom il-Kummissjoni tirċievi nominazzjonijiet ta' kandidati għall-elezzjoni tal-Kunsill. Nominazzjonijiet.

**5.** Kull persuna li hija r-reġistrata fir-Reġistru tal-Veterinarji li bħalissa taqa' taħt ir-responsabilità tal-Kunsill Mediku, tista' u għandha d-dritt li tigi nominata, tiġi sekondata, li tinnomina jew tissekonda, u li tivvota għall-ħatra tal-membri tal-Kunsill tal-Kirurġi Veterinarji. Eliġibilità.

**6.** Kandidat għandu jigi nominat bil-miktub fuq formola skond ma hemm fl-Ewwel Skeda; ikun x'ikun in-numru ta' vakanzi li jkollu jimtela', ebda persuna ma għandha tiġi nominata biex timla' aktar minn vakanza waħda. Formola ta' nominazzjoni.

L-elezzjoni.

**7.** Jekk l-għadd ta' nominazzjonijiet riċevuti jkunu iżjed min-numru ta' vakanzi fil-Kunsill għandha ssir elezzjoni. Il-Kummissjoni għandha f'dan il-każ, malajr kemm jista' jkun, tippublika avviż fil-Gazzetta li jispeċifika l-post, il-ġranet u l-ħinijiet li matulhom għandha ssir l-elezzjoni u l-ismijiet tal-kandidati li jkunu ħarġu għall-elezzjoni.

Polza tal-vot.

**8.** Il-polza tal-vot li għandha tintuża għall-elezzjoni għandha tkun skond il-forma li hemm fit-Tieni Skeda, u għandha tkun inizjalata minn membru tal-Kummissjoni.

Post tal-votazzjoni.

**9.** Il-votanti, kemm jekk joqgħodu f'Malta kemm jekk joqgħodu f'Għawdex, għandhom jivvotaw f'Malta.

Post ta' konsenja tal-poloz tal-votazzjoni.

**10.** Il-polza tal-vot adatta għandha tiġi mogħtija lill-votanti personalment mill-Kummissjonarji Elettorali fil-kamra fejn ikun hemm il-kamra tal-votazzjoni, u ħadd ma għandu jitħalla jieħu xi polza tal-vot barra minn dik il-kamra, u l-anqas ma għandha ebda polza tal-vot tittieħed minn taħt għajnejn il-Kummissjonarji Elettorali sakemm tiġi mqiegħda fil-kaxxa tal-voti. Hadd, ħlief min ikun qed jivvota u l-Kummissjonarji Elettorali, ma għandu jitħalla jidħol fil-kamra tal-votazzjoni.

Kif jingħata l-vot.

**11.** Il-votant għandu jivvota b'mod sigriet billi jagħmel salib wieħed ħdejn l-isem ta' kull kandidat li għalih irid jivvota.

Lista tal-votanti.

**12.** Il-Kummissjoni għandha żżomm lista tal-persuni li jkunu ivvotaw.

Ma ssirx votazzjoni wara l-ħin ta' l-għeluq.

**13.** L-ebda votazzjoni ma għandha ssir wara li jagħlaq il-ħin stabbilit mill-Kummissjoni għall-votazzjoni ħlief minn dawk il-persuni li jkunu preżenti biex jivvotaw fil-post tal-votazzjoni meta jagħlaq dak il-ħin.

Għadd tal-voti.

**14.** Malajr kemm jista' jkun wara t-tmiem tal-votazzjoni, il-Kummissjoni għandha tgħodd il-voti mitfugħin.

Polza tal-vot invalida.

**15.** Meta l-għadd ta' voti reġistrat fuq il-polza tal-vot ikun iżjed mill-għadd meħtieġ, il-polza tal-vot għandha tiġi ddikkjarata invalida mill-Kummissjoni.

Kandidati eletti.

**16.** Il-kandidati li jiksbu l-akbar għadd ta' voti għandhom jiġu dikjarati eletti.

Elezzjoni parzjali.

**17.** Jekk żewġ kandidati jew iżjed jiksbu għadd ta' voti ndaqs, għandha ssir elezzjoni parzjali bejn dawk il-kandidati skond id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 7 sa 15.

Rapport lill-Ministru.

**18.** Il-Kummissjoni għandha minnufih tirrapporta r-riżultat ta' l-elezzjoni lill-Ministru biex jippubblikah fil-Gazzetta.

**L-EWWEL SKEDA**

(Regolament 6)

Formola tan-Nominazzjoni għall-Kandidati għall-Ewwel Elezzjoni għall-Kunsill tal-Kirurġi Veterinarji

Aħna, hawn taħt iffirmati, votanti bid-dritt li nivvotaw f'elezzjoni tal-Kunsill tal-Kirurġi Veterinarji għal -

(a) Żewġ Kirurġi Veterinarji b'esperjenza fil-prattika fuq annimali kbar, li għandhom jiġu eletti skond id-disposizzjonijiet ta' l- l-artikolu 39(2)(d) ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji; (*)

(b) Żewġ Kirurġi Veterinarji b'esperjenza fil-prattika fuq annimali żgħar, li għandhom jiġu eletti skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 39(2)(d) ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji; (*)

qegħdin hawnhekk ninnominaw .......................................................................................... ( )

reġistrat fi .................................................................................. Nru: ....................................

u li għandu l-indirizz ........................................................................................................

bħala kandidat għall-elezzjoni msemmija.

Proponenti: Isem ..............................................................................................

(Ittri Kbar)

Firma .......................................................... Data ...........................

Reġistrat fi ............................................... Nru ...........................

Min Jissekonda: Isem ..............................................................................................

(Ittri Kbar)

Firma .......................................................... Data ...........................

Reġistrat fi ............................................... Nru ...........................

Dikjarazzjoni tal-Persuna Nominata

Jiena, ........................................................................................................ li ismi jidher

(Isem sħiħ b'ittri kbar)

fi .................................... naċċetta n-nominazzjoni ta' hawn fuq.

(Reġistru)

Data ...................................... Firma tal-kandidat ...............................................................

(*) Ħassar il-paragrafu li ma japplikax

( ) F'ittri kbar

## IT-TIENI SKEDA

(Regolament 8)

Polza tal-Vot

GHALL-UŻU MINN .......................................................

VOTAZZJONI GHALL-EWWEL ELEZZJONI TA' KANDIDAT
GHALL-KUNSILL TA' KIRURĠI VETERINARJI

Skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 39(2)(d) ta' l-Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji.

| L-ismijiet tal-Kandidati (f'ordni alfabetiku) | Agħmel salib f'din il-parti ħdejn l-isem tal-kandidat li għalih trid tivvota |
|---|---|
| Żewġ Kirurġi Veterinarji b'esperjenza fil-prattika fuq annimali kbar *(Ivvota biss għal mhux aktar minn żewġ kandidati)* | |
| | |
| | |
| Żewġ Kirurġi Veterinarji b'esperjenza fil-prattika fuq annimali żgħar *(Ivvota biss għal mhux aktar minn żewġ kandidati)* | |
| | |
| | |

Inizjali ta'

Kummissjonarju Elettorali ...................................................................

**L.N. 248 of 2003**

**VETERINARY SERVICES ACT, 2001**

**(ACT No. XXIII OF 2001)**

**Veterinary Surgeons' Council (First Elections) Regulations, 2003**

IN exercise of the powers conferred by articles 39, 40 and 47 of the Veterinary Services Act, 2001, the Minister for Rural Affairs and the Environment has made the following regulations:-

**1.** The title of these regulations is the Veterinary Surgeons' Council (First Elections) Regulations, 2003. Citation.

**2.** In these regulations, unless the context otherwise requires - Interpretation.

"the Commission" means the Election Commission established by regulation 3;

"Gozo" includes Comino;

"Minister" means the Minister responsible for veterinary services.

**3.** The Minister shall appoint a Commission, to be called the Election Commission for the First Election for the Veterinary Surgeons' Council, which shall be composed of three Election Commissioners, to conduct the first elections during the year of appointment. Establishment of Election Commission.

**4.** The Commission shall, once it has been nominated by the Minister, as soon as possible cause a notice to be published in the Gazette and in two local daily newspapers, specifying the place, the dates and times during which nominations of candidates for election to the Council shall be received by the Commission. Nominations.

**5.** Every person who is registered in the Veterinary Register, which currently falls under the responsibility of the Medical Council, is eligible and has the right to be nominated, to be seconded, to nominate and to second, and to vote for the election of members of the Veterinary Surgeons' Council. Eligibility.

**6.** A candidate shall be nominated in writing according to the form which appears in the First Schedule; whatever the number of vacancies that is to be filled, no person may be nominated to fill more than one vacancy. Form of nomination.

**7.** If the number of nominations received is greater than the Holding of election.

number of Council vacancies, an election shall be held. In such case the Commission shall, as soon as possible, publish a notice in the Gazette specifying the place, days and times during which the election shall be held and the names of candidates contesting the election.

Ballot paper.

**8.** The ballot paper to be used during the election shall be in the form appearing in the Second Schedule, and shall be initialled by a member of the Commission.

Place of voting.

**9.** Voters, whether residing in Malta or in Gozo, shall vote in Malta.

Place of delivery of ballot papers.

**10.** The appropriate ballot paper shall be given to the voters personally by the Election Commissioners in the room in which the ballot box is placed, and no person shall be allowed to take any ballot paper out of such room, nor shall any ballot paper be taken out of sight of the Election Commissioners until it is dropped in the ballot box. No person, other than the person voting and the Election Commissioners, shall be allowed in the ballot room.

Manner of voting.

**11.** A voter shall record his vote in secret by means of one cross placed against the name of the candidate for whom he votes.

List of voters.

**12.** The Commission shall keep a list of persons who have voted.

No voting after closing time.

**13.** No voting shall take place after the expiration of the time fixed by the Commission for voting except by such persons as are present to vote at the place of voting on the expiration of such time.

Counting of votes.

**14.** As soon as may be after the voting the Commission shall count the votes cast.

Invalid ballot paper.

**15.** Where the number of votes registered on the ballot paper exceeds the required number, the ballot paper shall be declared invalid by the Commission.

Elected candidates.

**16.** The candidates who obtain the largest number of votes shall be declared elected.

Partial election.

**17.** If two or more candidates obtain an equal number of votes, a partial election shall be held between those candidates in accordance with the provisions of regulations 7 to 15.

Report to Minister.

**18.** The Commission shall forthwith report the result of the election to the Minister for publication in the Gazette.

## FIRST SCHEDULE

(Regulation 6)

Form for the Nomination of Candidates for the First Election to the Veterinary Surgeons' Council

We, the undersigned, having the right to vote at an election for the Veterinary Surgeons' Council for -

(a) Two Veterinary Surgeons with experience in the practice on large animals, who are to be elected according to the provisions of article 39(2)(d) of the Veterinary Services Act, 2001; (*)

(b) Two Veterinary Surgeons with experience in the practice on small animals, who are to be elected according to the provisions of article 39(2)(d) of the Veterinary Services Act, 2001; (*)

are hereby nominating ..................................................................................................( )

registered in ............................................................................ No: .......................................

and whose address is ........................................................................................................

as a candidate for the above-mentioned election.

Proposer: Name ...........................................................................................

(Block letters)

Signature ................................................. Date .........................

Registerd in .............................................. No ...........................

Seconder: Name ...........................................................................................

(Block letters)

Signature ................................................. Date .........................

Registerd in .............................................. No ...........................

Declaration by the nominated person

I, ................................................................................................... whose name appears

(Full name in block letters)

in .................................... accept the above nomination.

(Register)

Date ....................................... Candidate's signature ...........................................................

(*) Strike out paragraph which does not apply

( ) In block letters

# SECOND SCHEDULE

(Regulation 8)

Ballot paper

FOR USE BY ........................................................

VOTING FOR THE FIRST ELECTION OF CANDIDATES
FOR THE VETERINARY SURGEONS' COUNCIL

In accordance with the provisions of article 39(2)(d) of the Veterinary Services Act, 2001.

| Candidates' names (in alphabetical order) | Place a cross in this part against the name of the candidate for whom you wish to vote |
|---|---|
| Two Veterinary Surgeons with experience in the practice on large animals (*Vote only for not more than two candidates*) | |
| | |
| | |
| Two Veterinary Surgeons with experience in the practice on small animals (*Vote only for not more than two candidates*) | |
| | |
| | |

Initials of

Election Commissioner ..................................................................

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 8c – *Price 8c*